**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2016/2224(INI)**

13.7.2017

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar miżuri leġittimi għall-ħarsien ta' informaturi li jkunu qed jaġixxu fl-interess pubbliku meta jiżvelaw informazzjoni kunfidenzjali dwar kumpaniji u korpi pubbliċi
(2016/2224(INI))

Rapporteur għal opinjoni: David Casa



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi r-rwol tal-informaturi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat huwa li jgħin biex jiżvelaw, jiskoraġġixxu u jipprevjenu l-għemil ħażin, bħal ġestjoni ħażina, il-frodi u l-korruzzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika, kif ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema; billi l-informaturi sikwit ikunu impjegati marbuta b'relazzjoni ta' xogħol u jkunu jiddependu fuq il-paga tagħhom bħala mezz tagħhom ta' għajxien;

B. billi l-importanza tal-protezzjoni tal-informaturi ġiet rikonoxxuta mill-istrumenti internazzjonali ewlenin kollha dwar il-korruzzjoni filwaqt li l-istandards tal-informaturi ġew stabbiliti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2014)7 u r-Rakkomandazzjoni tal-OECD tal-2009 kontra t-Tixħim;

C. billi l-aħħar żvelar tal-massa li wera sitwazzjonijiet ta' korruzzjoni, bħal fil-każ tal-kwistjoni tal-Panama Papers u tas-Swiss Leaks, u l-iżvelar tal-evitar tar-regoli dwar il-liġi tax-xogħol kif ukoll tal-ksur tagħhom, li f'ċerti każijiet wasslu għal impjieg prekarju, jikkonfermaw l-importanza tar-rwol tal-informaturi fil-ħarsien tal-interess pubbliku; billi bħalissa m'hemmx biżżejjed rikonoxximent u protezzjoni tal-informaturi fl-Ewropa;

D. billi sikwit tqajjem tħassib serju li l-informaturi li jaġixxu fl-interess pubbliku jistgħu jiffaċċjaw ostilità, fastidju, intimidazzjoni u l-esklużjoni fil-post tax-xogħol tagħhom, ostakli għall-impjieg fil-futur, telf tal-mezzi tal-għajxien u ta' sikwit anki theddidiet serji lill-membri tal-familja u l-kollegi tagħhom; billi l-biża' ta' ritaljazzjoni tista' tħalli effett ta' deterrent fuq l-informaturi, u b'hekk hija ta' periklu għall-interess pubbliku;

E. billi l-postijiet tax-xogħol jinħtieġ li jikkultivaw ambjent tax-xogħol li fih il-persuni jħossuhom kunfidenti jqajmu kwistjonijiet dwar għemil ħażin potenzjali, bħal nuqqasijiet, kondotta ħażina, ġestjoni ħażina, frodi jew azzjonijiet illegali; billi huwa estremament importanti li titrawwem il-kultura ideali li tippermetti li l-persuni jħossuhom li jistgħu jqajmu kwistjonijiet mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni li tista' taffettwa s-sitwazzjoni tal-impjiegi attwali u futura tagħhom;

F. billi l-objettiv tal-informatur għandu jkun ir-rappurtar ta' atti li jirrappreżentaw theddida għall-interess pubbliku, ksur tal-liġi, jew kwalunkwe għemil ħażin jew kondotta ħażina oħra;

G. billi xi Stati Membri diġà għandhom liġijiet li jipproteġu lill-informaturi, iżda oħrajn m'għandhomx, li jwassal għal protezzjoni limitata jew mhux indaqs tal-informaturi madwar l-UE; billi dan huwa partikolarment sinifikanti fejn ikun hemm implikazzjonijiet transkonfinali jew madwar l-UE; billi dan joħloq inċertezza legali.

H. billi, peress li l-eżistenza ta' qafas legali nazzjonali li jipproteġi lill-informaturi mhux dejjem jiggarantixxi l-implimentazzjoni xierqa u l-effettività tal-protezzjoni tal-informatur, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni

nazzjonali eżistenti għall-ħarsien tal-informaturi;

I. billi l-korruzzjoni hija problema serja li qed tħabbat wiċċha magħha llum l-Unjoni Ewropea, peress li tista' twassal li l-gvernijiet jonqsu milli jipproteġu l-popolazzjoni, il-ħaddiema, l-istat tad-dritt u l-ekonomija, f'deterjorament tal-istituzzjonijiet pubbliċi u tas-servizzi, tat-tkabbir ekonomiku u tal-kompetittività f'diversi oqsma, u għal telf tal-fiduċja fit-trasparenza u r-responsabilità demokratika tal-istituzzjonijiet pubbliċi u privati u tal-industriji; billi huwa stmat li l-korruzzjoni tiswa EUR 120 biljun lill-ekonomija tal-UE kull sena jew 1 % tal-PDG tal-UE;

J. billi l-intelligence ekonomika tista' tkun ta' natura transkonfinali u billi l-informaturi għandhom rwol ewlieni fl-iżvelar ta' atti illegali mwettqa barra mill-pajjiż kontra l-interessi ekonomiċi nazzjonali;

K. billi l-informaturi huma wkoll ta' importanza fundamentali biex jidentifikaw żbalji, sfidi jew problemi fi ħdan organizzazzjoni fi stadju bikri; billi jista' jkun hemm kultura organizzattiva li wieħed jitgħallem mill-iżbalji jekk din il-prattika tiġi rrispettata; billi f'xi organizzazzjonijiet u Stati Membri, dan wassal għal appoġġ għar-rappurtar ta' żbalji u, għaldaqstant, għal bidla organizzattiva;

1. Jitlob li tittieħed azzjoni biex tinbidel il-perċezzjoni pubblika tal-informaturi, b'mod partikolari mill-politiċi, l-impjegaturi u l-midja, billi jiġi enfasizzat ir-rwol pożittiv tagħhom bħala mekkaniżmu ta' twissija bikrija u bħala deterrent li jidentifikaw u jimpedixxu l-abbużi u l-korruzzjoni, u bħala mekkaniżmu ta' responsabilità li jippermetti l-iskrutinju pubbliku tal-gvernijiet u tal-kumpaniji;

2. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' qafas Ewropew għall-protezzjoni tal-informaturi li jenħtieġ li jkopri l-individwi kollha li jaħdmu fis-settur pubbliku jew f'dak privat, irrispettivament min-natura tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom u jekk humiex imħallsa jew le;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, wara valutazzjoni tal-bażi ġuridika, konsultazzjoni ma-sħab soċjali, u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tabbozza proposta leġiżlattiva jew legali dwar l-informaturi; jappella għal miżuri effettivi li jipproteġu l-informaturi li jidentifikaw u jirrappurtaw in bona fide każijiet ta' għemil ħażin ta' interess pubbliku, minn trattament inġust relatat max-xogħol, ritaljazzjoni u responsabbiltà kriminali u ċivili; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-anonimità tal-informaturi u l-kunfidenzjalità tal-proċess;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-perikli li l-ħaddiema informaturi li aġixxew fl-interess pubbliku jiġu esklużi mill-progressjoni fil-karriera tagħhom, jitilfu l-impjieg tagħhom jew isofru minn ritaljazzjoni mill-kollegi u l-maniġment fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll dwar l-effett ta' skoraġġiment, ta' theddid u psikoloġikament devastanti fuq perjodu twil li dan għandu fuq dawk li jiltaqgħu ma' każijiet ta' għemil ħażin; jenfasizza li l-informaturi jaġixxu f'riskju personali u professjonali kbir u dan normalment jiġi b'konsegwenzi personali u professjonali għalihom; jenfasizza għalhekk li d-definizzjoni ta' "informatur" jenħtieġ li tiġi applikata għal kemm jista' jkun tipi differenti ta' ħaddiema, inklużi impjegati attwali u preċedenti kif ukoll għat-trainees, l-apprendisti u oħrajn;

5. Ifakkar l-importanza li jitfasslu strumenti li jissanzjonaw u jipprojbixxu kull forma ta'

ritaljazzjoni, bħall-fastidju jew trattament diskriminatorju jew punittiv ieħor, inkluża azzjoni meħuda kontra kollegi jew membri tal-familja b'riżultat tal-iżvelar ta' informazzjoni;

6. Jenfasizza li l-informaturi u l-membri tal-familja tagħhom li l-ħajjiet u s-sigurtà tagħhom ikunu pperikolati, jeħtiġilhom ikunu intitolati li jirċievu protezzjoni effettiva u adegwata u li jieħdu azzjoni legali fil-qrati, jekk ikun meħtieġ;

7. Jenfasizza li l-informaturi huma sors importanti ta' informazzjoni għall-ġurnalisti investigattivi, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet tal-ġurnalisti u l-identità tal-informaturi li jaġixxu in bona fide jiġu protetti b'mod effettiv u legali f'każijiet fejn tingħata prova li l-allegazzjonijiet ikunu veri; jenfasizza li meta l-ġurnalisti jkunu huma stess is-sors, jenħtieġ li jiġu protetti wkoll u li l-awtoritajiet, fiż-żewġ każijiet, jenħtieġ li jżommu lura milli jużaw is-sorveljanza;

8. Iqis li l-oneru tal-provi jenħtieġ li jaqa' fuq l-impjegatur li jrid juri b'mod ċar li kwalunkwe miżura meħuda kontra impjegat ma kienet bl-ebda mod marbuta mal-iżvelar tal-informatur;

9. Jinkoraġġixxi lil min iħaddem, lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u lill-awtoritajiet sabiex jimplementaw mezzi effettivi għar-rapportar u l-iżvelar ta' għemil ħażin, biex jaġixxu malajr fir-rigward tal-informazzjoni rrapportata lilhom wara li jwettqu verifika dettaljata, u biex jgħarrfu b'mod urġenti lill-partijiet, l-aġenziji u l-istituzzjonijiet kollha neċessarji u rilevanti, dwar kull illegalità jew għemil ħażin;

10. Ifakkar li jeħtieġ li tingħata ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni neċessarja fl-Unjoni kollha lil dawk li jirrappurtaw għemil ħażin ivverifikat kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat;

11. Ifakkar li kwalunkwe qafas normattiv futur jenħtieġ li jikkunsidra r-regoli, id-drittijiet u d-dmirijiet li jirregolaw u jħallu effett fuq l-impjiegi; jenfasizza wkoll li dan jenħtieġ li jsir bl-involviment tas-sħab soċjali u f'konformità mal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv;

12. Ifakkar li wara verifika bir-reqqa, u f'każ ta' akkużi foloz intenzjonati magħmula in mala fede, dawk responsabbli għandhom jagħtu kont ta' għemilhom;

13. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jistabbilixxu miżuri tal-obbligu tal-aħjar tentattiv fir-rigward ta' arrangamenti biex jintlaqgħu u jiġu mmaniġġjati rapporti, li jiddaħħlu fis-seħħ kemm mill-impjegaturi kif ukoll mill-awtoritajiet infushom.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 12.7.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 50<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Terry Reintke, Robert Rochefort, Claude Rolin, Sven Schulze, Siôn Simon, Romana Tomc, Yana Toom, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Arena, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Marju Lauristin, Paloma López Bermejo, Anne Sander, Joachim Schuster, Csaba Sógor, Helga Stevens, Flavio Zanonato |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrejs Mamikins |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 50 | + |
|---|---|
| ALDE | Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin, Robert Rochefort, Yana Toom, Renate Weber |
| ECR | Arne Gericke, Czesław Hoc, Anthea McIntyre, Helga Stevens, Jana Žitňanská |
| EFDD | Tiziana Beghin |
| GUE/NGL | Lynn Boylan, Tania González Peñas, Rina Ronja Kari, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo |
| NI | Lampros Fountoulis |
| PPE | David Casa, Danuta Jazłowiecka, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Ádám Kósa, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Csaba Sógor, Romana Tomc |
| S&D | Maria Arena, Guillaume Balas, Brando Benifei, Ole Christensen, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Marju Lauristin, Javi López, Andrejs Mamikins, Joachim Schuster, Siôn Simon, Marita Ulvskog, Flavio Zanonato |
| VERTS/ALE | Jean Lambert, Terry Reintke, Tatjana Ždanoka |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ENF | Dominique Martin, Joëlle Mélin |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni